MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Numru. 378/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**

**vs**

**Joseph Oliver Ruggier**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Oliver Ruggier ta’ 64 sena, imwieled Zebbug (Malta) fis-6 ta’ Jannar, 1943, bin Francis u Maria Teresina nee’ Ruggier u residenti gewwa Villa Ruggier, Triq il-Ferrovija, Attard u detentur ta’ karta ta’ l-identita numru 57843 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-27 ta’ April, 2004 u fix-xhur ta’ qabel bhala propjetarju u / jew amministratur/w/jew direttur ta’ Ruggier Holdings Company Limited, gewwa numru 7, Alley 3, Triq Sant Andrija Hal Lija u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu b’rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti :

1. Kellu fil-propjeta’ taht kontroll tieghu sors ta’ ilma tal-pjan u / jew ghamel haffer u / jew xort’ohra kiseb access ghall-istess sors minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ l-awtorita kompetenti jew xort’ohra naqas jgharraf lill-awtorita kompetenti li kellu tali sors u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 3, 4, u 8 ta’ l-Att Numru XXIII/1991 (Ground Water Sources (Registration) Regulations 1997; (Avviz Legali 120 ta’ l-1997);

2. Wettaq xi attivita jew operazzjoni, jew kien ingaggat f’xi attivita’ jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorzi ta’ l-energija, l-ilma u l-minerali meta ma kellux licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita ta’ Malta dwar ir-rizorsi u dan bi ksur tal-Artikolu 26 (1) u sub-inciz (2) tal-Kap. 432;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ April 2006 (esebit a fol.8 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-5 ta’ Lulju 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

lli l-fatti ta' dan il-kaz huma dawn li gejjin. Fis-27 ta' April 2004 dahal rapport lil Pulizija li ammont ta' ilma kien qed jittella minn gewwa borehole gewwa gnien privat f'Hal-Lija propjeta' tal-imputat Joseph Oliver Ruggier. Abbazi ta' dan ir-rapport saret Inkjesta Magisterjali (Process Verbal relattiv inserit a fol. 22 tal-atti processwali) fejn sar access u gew mahtura Vincent Ciliberti bhala espert tekniku u PS 612 Theodore Vella bhala Scene of the Crime Officer u n-nomina ta' dawn l-esperti giet konfermata fil-proceduri odjerni. Fl-atti tal-imsemmija Inkjesta Magisterjali sar access fuq il-post u mir-rapport tal-espert tekniku mahtur fl-imsemmija Inkjesta Magisterjali rrizulta li l-gnien sitwat f'Alley 1, St' Andrews Street, Hal-Lija huwa propjeta' tas-socjeta' Ruggier Holdings Company Limited u amministrat mill-imputat. Il-gnien ghandu kobor ta' sitt itmiem u huwa mdawwar b'hitan li uhud minnhom huma propjeta'' ta' terzi. Mir-rapport tal-espert tekniku rrizulta wkol li l-gnien kien mizmum tajjeb hafna u kellu sistemi ta' passaggi, hitan, funtani u diversi gaggeg li jinzammu fihom annimali differenti. Fil-wicc ta' uhud mill-passaggi kien hemm sprallijiet li minn tahthom jghaddi l-ilma. Waqt l-access irrizulta li ftit il-boghod mill-bieb tal-hgieg kien hemm cover tal-plastic bi speci ta' manhole li tghatti borehole ta' circa tlettax il-centimetru fid-dijametru, f'liema borehole kien hemm niezel pipe ta' tletin millimetru li bih permezz ta' pompa jittella l-ilma. Mir-rapport tal-espert tekniku rrizulta wkoll li l-ilma li jittella mill-borehole jingabar f'gibja fl-istess gnien li bih issir kemm it-tisqijja kif ukoll ix-xorb li jinghata lil bhejjem u tjur fil-gnien. L-imputat meta xehed fl-Inkjesta Magisterjali ikkonferma li kien jaf bl-ezistenza tal-borehole izda qal li ma kienx huwa li kien haffer il-borehole u spjega li din kienet diga hemm fil-mument li xtara il-gnien. L-imputat ghazel li ma jixhidx fil-proceduri odjerni. Mix-xhieda ta' Manwel Sapiano, ir-rapprezentant tal-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi li xehed fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 1997 irrizulta li l-imsemmija borehole ma kienitx giet registrata mal-Awtorita' skond dak li kien jiddisponi l-Avviz Legali 120/1997 u dan ix-xhud spjega li meta huwa acceda fuq il-post in kwisjtoni l-imputat ikkonfermalu li kien jittella' l-ilma mill-borehole in dizamina. Meta xehed l-espert tekniku Vincent Ciliberti waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru 2009 dan qal li meta huwa acceda fuq il-post fl-

ebda stadju ma ra l-borehole qed tintuza fis-sens li ma rax ilma qed jittella minnha. Huwa kkonferma li fil-gnien kien hemm kwantita' ta' ilma u kien hemm anki xi giebja.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kiser ir-Regolamenti 3, 4, u 8 tal-Avviz Legali 120/1997 liema Regolamenti jipprovdu s-segwenti:-

*' 3 (1) Kull utent ghandu, fi zmien sebat ijiem minn meta jigu fis-sehh dawn ir-regolamenti, jinforma lill-Korporazzjoni bl-ezistenza tas-sorsi kollha ta' l-ilma ta' taht l-art, sew jekk diga' registrati sew jekk le, li jinsabu fil-propjeta' li fuqha huwa ghandu l-kontroll effettiv ta' l-uzu.*
*(2) L-informazzjoni mehtiega fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament ghandha tinghata fuq il-formola murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, u ghandha tinkludi l-partikolaritajiet kollha u r-rekwiziti kollha hemm indikati.*
*(3) Il-formola indikata fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament tista' tinkiseb mill-ufficcji tal-Korporazzjoni jew minn kwalunkwe post iehor skond kif indika l-Korporazzjoni.*

*4.(1) Mar-registrazzjoni ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art, ghandu jithallas lill-Korporazzjoni dritt ta' registrazzjoni ta' mitt lira maltija:*
*Izda, fil-kaz ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art li diga' kien gie registrat mal-Korporazzjoni, it-tariffa ta' registrazzjoni ghandha tkun ta' tletin lira maltija:*
*Izda wkoll, fil-kaz ta' sors ta' ilma ta' taht l-art li kien gie registrat qabel is-sena elf disa' mija u hamsa u hamsin (1955), m'ghandha tithallas ebda tariffa ta' registrazzjoni.*
*(2) Sors ta' l-ilma ta' taht l-art ma jitqiesx li hu registrat ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti hlief u sakemm tithallas it-tariffa tar-registrazzjoni relattiva.*
*(3) Jekk sors jigi registrat minn iktar minn persuna wahda, tithallas biss tariffa tar-registrazzjoni wahda.*
*8. Ir-registrazzjoni ta' sors ta' l-ilma ta' taht l-art ma taghti b'ebda mod xi dritt lill-utent li jiehu l-ilma minn dak is-sors, jew li jiddisponi minn xi materjal, sew likwidu sew solidu,*

*f'dak is-sors, jew li jzomm dak is-sors miftuh, u l-Korporazzjoni tista' f'kull zmien tordna lill-utent li jaghlaq dak is-sors, minkejja illi dak is-sors ikun gie registrat u d-dritt tar-registrazzjoni relattiv ikun gie mhallas. Jekk il-Korporazzjoni tordna lill-utent sabiex jaghlaq sors ta' l-ilma ta' taht l-art, it-tariffa tar-registrazzjoni li tkun thallset fir-rigward ta' dak is-sors ma tinghatax lura.'*

Illi dawn ir-Regolamenti gew imhassra permezz tar-Regolament 9 tal-Avviz Legali 255/2008, u cioe' gew imhassra fil-mori tal-proceduri odjerni. Id-Difiza in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza qed issostni li una volta li dawn ir-Regolamenti gew imhassra l-imputat ma jistghax jinstab hati abbazi tal-istess Regolamenti. Irid jigi rilevat li fl-Avviz Legali 255/2008 ma hemm ebda transitory provision. Irid inoltre jigi rilevat li abbazi ta' dawn ir-Regolamenti l-godda, u cioe dawk tal-2008, l-imputat irregolarizza l-posizzjoni tieghu u rregistra l-borehole in dizamina mal-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi. Fin-nuqqas ta' transitory provision u fid-dawl ta' dak li jipprovdu r-Regolamenti tat-2008 li issa regghu taw l-opportunita' lil min ma rregistrax is-sorsi tal-ilma taht ir-Regolamenti tal-1997 sabiex jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom, il-Qorti ma jidrilhiex li tista' ssib htija abbazi tal-ewwel akkuza. F'dan ir-rigward irid ukoll jigi rilevat li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kull ma rrizulta minghajr ombra ta' dubju huwa li l-borehole fil-gnien propjeta' tas-socjeta' gestita mil-imputat ma gietx registrata mal-Awtorita' koncernata abbazi tar-Regolamenti tal-1997 izda ma rrizultax b'mod skjett u minghajr dubju li kien qed jittella ilma mil-imsemmija borehole. Il-Qorti jidrilha li hemm kunflitt bejn dak li qal l-espert tekniku nominat mill-Magistrat Inkwirenti dwar dak li rrizultalu waqt l-access u dak li qal meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti fejn qal li huwa fl-ebda hin waqt l-access ma ra li kien qed jittella ilma mil-borehole. Huwa qal biss li fil-gnien kien hemm hafna ilma u kien hemm gibja izda bl-eda mod ma qal li l-ilma li kien hemm fil-gibja jew f'partijiet ohra tal-gnien kien qed jittella mill-borehole u ghalhekk il-Qorti jidrilha li ma jistghax jinghad li gie pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien qed itella l-ilma mill-borehole.

Permezz tat-tieni akkuza l-imputat jinsab addebitat bir-reat kontemplat fl-Artikoli 26 (1) u (2) tal-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikoli jipprovdu s-segwenti:-

*'26. (1) Sakemm ma jigix preskritt mod iehor, hadd ma ghandu jwettaq xi attività jew operazzjoni, jew ikun ingaggat f'xi attività jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta' l-energija, l-ilma u l-minerali kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex licenza, permess jew awtorizzazzjoni o]ra ta' l-Awtorità taht dan l-Att:*

*Izda ghar-rigward ta' l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi, is-setgha li jigi ezercitat il-hrug ta' licenza taht dan l-Att ghandha tkun bla hsara ghall-awtorizzazzjoni tal-Ministru skond l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Pitrolju.*

*(2) Kull min iwettaq xi attività bhal dik minghajr licenza jew li jagixxi bi ksur ta' xi kondizzjoni ta' dik il-licenza, jkun hati ta' reat u jista' jehel meta jinsab hati multa ta' mhux izjed minn mija u sittax-il elf u erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (116,468.67) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien.'*

Illi meta xehed Dr. John Mangion li huwa d-Direttur tal-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizorsi waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru 2009 huwa qal li fis-sena 2004 l-unika attivita' rigwardanti l-uzu tal-ilma li kienet tirrikjedi l-hrug ta' licenzja rilaxxjata mill-Awtorita' kien ghal finijiet ta' uzu ta' swimming pool. Illi fil-proceduri odjerni bl-ebda mod ma gie pruvat li l-imputat kien qed jaghmel xi uzu mill-ilma ghal swimming pool jew li kien hemm xi swimming pool fil-gnien in dizamina. Fi kwalunkwe kaz anki jekk kellu jitqies li l-attivita' tat-tisqijja tas-sigar bl-ilma li jittella milll-borehole kienet tirrikjedi licenzja, kif intqal fil-paragrafu precedenti ghal finijiet tal-ewwel akkuza, mill-provi bl-ebda mod ma rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed itella l-ilma mil-borehole u jaghmel uzu minn tali ilma.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------